**A.L. 291 ta' l-2001**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
## (KAP. 318)

### Ordni ta' l-2001 dwar is-Sigurtà Soċjali
### (Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tar-Rifuġjati)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 134 dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, għamel dan l-ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2001 dwar is-Sigurtà Soċjali (Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tar-Rifuġjati), u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Ottubru, 2001. Titolu u bidu fis-seħħ.

**2.** Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tirriferixxi għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1951 rigward l-Istatus ta' Rifuġjati, u l-Protokol rigward l-Istatus tar-Rifuġjati tal-31 ta' Jannar, 1967. Tifsir.

**3.** Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom japplikaw għal rifuġjati li, skond il-provvedimenti ta' l-Att dwar ir-Rifuġjati huma meqjusa bħala rifuġjati mill-Kummissjoni għar-Rifuġjati maħtura taħt l-Att. Estensjoni u applikazzjoni.

Att XX ta' l-2000.